Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 278 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Clayton Orsini**

Illum, 12 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Clayton Orsini, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 125885 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-30 ta' Apri, 2019 ghall-habta ta' 19:15hrs gewwa Triq it-Tlett Ibliet, Bormla:

1. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Mandy Degabriele;

2. Kif ukoll naqas li josserva jew kiser obbligazzjoni taht penali fuqu minn ordni li nharget b' sentenza definittiva datata nhar 07 ta' Frar, 2019, mahruga mill-

Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurtà ta' Mandy Degabriele ghal perjodu ta' zmien sena, u dan bi ksur tal-Artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 t' Ottubru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat lill-imputat Clayton Orsini hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u ordnatlu jhallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500), rapprezentanti l-penali ghall-ksur tal-obbligazzjoni personali datata 7 ta' Frar, 2019, però illiberatu mill-ewwel imputazzjoni stante li ma tirrizultax.

Rat ir-rikors tal-appellanti Clayton Orsini minnu pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex ***tikkonfermaha*** limitatament fejn l-esponenti ma nstabx hati tal-ewwel (1) imputazzjoni filwaqt li ***thassaraha u tirrevokaha*** fejn l-esponenti gie misjub hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontrih u konsegwentement ***tilliberah*** minn kull htija u piena.

Rat **illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu f'dan li ġej.**

1. Illi l-esponenti umilment jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta ddikjarat lill-esponenti hati tat-tieni akkuza.

2. Illi l-esponenti jibda billi jghid li huwa ben konsapevoli tal-fatt li l-gurisprudenza konsistenti ta' din l-Onorabbli Qorti hi li hi ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit sabiex tara jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx ragjonveolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

3. Illi madankollu, l-esponenti huwa tal-fehma li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, partikolarment in-nuqqas ta' affdabilità tal-*parte civile*,

hemm dubji serji u ragonevoli li minhabba fihom is-sentenza moghtija fil-konfront tal-esponenti mhiex *safe and satisfactory*.

4. Illi jibda billi jinghad li dwar l-incident innifsu, l-esponenti u l-*parte civile* fil-parti l-kbira jaqblu fuq ir-retroxxena tal-kaz: il-*parte civile* kellha access ghat-tifla fi hdan l-Agenzija Appogg u hekk kif saru s-19:00, l-esponenti mar biex jigbor lit-tifla sabiex jehodha lura d-dar. Hemm qbil li l-esponenti kien qieghed isuq wara l-*parte civile* izda l-*parte civile* nnegat li ripetutament waqfet b'salt waqt li kienet qed issuq.

5. Illi l-verzjonijiet tal-partijiet jiddevergu hekk kif waslu vicin Ghajn Dwieli. Il-*parte civile* tishaq li l-esponenti qabizha, waqaf bil-karozza u hareg jghajjat li jekk il-*partner* taghha, Alfio jersaq lejn il-*monti* tal-Birgu, l-esponenti kien ser "jifqalghu rasu".

6. Illi min-naha tieghu, l-esponenti spjega li wara l-ennezima darba li l-*parte civile* waqfet quddiemu, malli waslu Ghajn Dwieli, il-*parte civile* tefghet mal-genb u l-esponenti ghamel l-istess. L-esponenti nizel biex jistaqsiha ghaliex kienet ilha tipprova tolhoq xi incident mieghu izda ma lahaq qal xejn qabel il-*parte civile* ghajritu u saqet 'l hemm.

7. Illi ghalhekk, digà hemm kunflitt ta' provi rigward l-incident innifsu fejn l-esponenti u l-*parte civile* lanqas biss qeghdin jaqblu fuq min tkellem. Din id-divergenza fiha nnifsha hi punt favur l-esponenti bhala imputat.

8. Illi madankollu, jirrizultaw provi u cirkostanzi ohra li jiffavorixxu lill-esponenti.

9. Illi jibda billi jinghad li d-diskors allegatament mistqarr mill-esponenti tant hu maqtugh mic-cirkostanzi tal-kaz li huwa assurd. Anke jekk, ghall-grazzja tal-

argument biss, l-esponenti saq quddiem lill-*parte civile*, f'ebda stadju precedenti ma ssemma l-*partner* u ma nghatat ebda raguni li b'xi mod jew iehor tista' tispjega dan id-diskors. L-impressjoni li qed tipprova taghti l-*parte civile* huwa li bl-aktar mod inspjegabbli, l-esponenti ddecieda li jaghmel theddida fil-konfront ta' persuna ma kellu xejn x'jaqsam mal-kaz jew mac-cirkostanzi l-ohra ezistenti.

10. Illi apparti minn hekk, dawn l-akkuzi jridu jigu analizzati fl-isfond ta' kuntest aktar wiesgha ta' provokazzjonijiet *da parti* tal-*parte civile*. Fis-7 ta' Frar 2019, l-esponenti nstab hati u tpogga taht garanzija favur il-*parte civile* sabiex jinzamm il-*bon ordni*. Minflok ma nzamm il-paci izda, il-*parte civile* rat il-garanzija mahruga favuriha bhala opportunità biex tipprovoka lill-esponenti sabiex jikser il-garanzija tieghu u b'hekk jigi mmultat.

11. Illi kif digà gie spjegat, nhar it-3 ta' Ottubru 2019, l-Ewwel Onorabbli Qorti semghet erba' (4) kawzi bejn il-partijiet, tnejn (2) kontra l-esponenti u tnejn (2) kontra l-*parte civile*. F'kawza li kien hemm kontra taghha, il-*parte civile* kienet akkuzata li fid-19 ta' Mejju 2019 u fil-gimghat u xhur precedenti kienet ffastidjat lill-esponenti. L-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li qieset ix-xhieda moghtija mill-esponenti dwar l-agir ripetut – *course of conduct* – tal-*parte civile* li beda proprju wara li nghatat is-sentenza tas-7 ta' Frar 2019 sabet lill-*parte civile* hatja ta' fastidju u poggiet lilha taht garanzija ghal zmien sena.

12. Illi meta wiehed iqis ix-xhieda moghtija mill-esponenti, ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-incident odjern ma hu xejn hlief ezempju iehor tal-agir fastidjuz tal-*parte civile*: li ripetutament ippruvat tipprovoka lill-esponenti billi tieqaf f'salt waqt li huma kienu qeghdin isuqu l-vetturi rispettivi taghhom sakemm finalment irnexxielha ggib reazzjoni minnu, u cioè waqaf isuq biex imur ikellimha, u sussegwentement marret tigri taghmel rapport fl-Ghassa fuq diskors li ma ntqalx.

13. Illi fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, l-esponenti huwa tal-fehma li t-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu ma tirrizultax u konsegwentement m'ghandux jinstab hati taghha.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti esaminat l-atti traskritti tal-kawza.

Rat l-affidavit ta' PC 226 K Pace esebit fl-atti a fol. 5 tal-process. Fejn ix-hud jghid I fit-30 ta' April., 2019 ghall-habta tas-7.20pm waqt li kien xoghol l-ghassa ta' Bormla Mandy Degabriele marret tirrapporta li ftit tal hin qabel ghal-habta tas-7.15p.m waqt li kient ghaddejja bil-mutur taghha minn Triq it Tlett ibliet f'Bormla innutat li warajha kien hemm l0ex sieheb taghha, Clayton Orsini ghaddej bil-vettura u dak il-hin heddidha bil-kliem.

Il-kwerelanta kompliet tistqarr li fiwaqt li kient ghaddejja bi-vettura tagha mit-triq imsemmija, l-imsemmi Clayton Orsini kien qieghed warajha bil-vettura fejn hin minnhom Clayton qabizha bil-vettura fejn gie ma gnb it tieqa taghha u qallha "*Ghid lil Alfio li jekk jerga jersaq lejn il-Hawli rasu nifqahilu*" (Ta min jghid li dan Alfio huwa l-partner tal-kwerelanti Mady.)

Mandy kompliet tistqarr il f'dak il-hin mieghu kien hemm it--tifla taghhom ta' seba' snin assiggiera li ftit tal hin qabel kienet l-Appogg maghha minhabba li dakinhar kien imissha l-gurnata li tqatta' certu hin mat-tifla. Mandy kompliet tghid hekk kif qallha dan id-diskors minnufih hi ghalqet it-tieqa tal-vettura taghha u saqet lejn l-ghassa tal-pulizija sabiex taghmel dan ir-raoport.

Mandy kompliet tghid li f'dak il-hin hu saq direzzjoni lejn San Gwann t'Ghuxa, fejn hemmhekk telaq hu qabad tielgha l-bankina li hemm fl-imsemmija triq u baqa' sejjer bil-vettura tieghu.

Spjegat ukoll li lClayton kien marbut b'garanzija personali li jzomm l-kwiet maghha fejn aktar tard Mandy anke pproduciet kopja ta' l-imsemmija granzija datata 7 ta' Frar, 2019 mahruga mill-Qorti fejn f'din il-garanzija gie ordnat li jekk ma izommx il bon ordni ma kulhadd jigi kkundannat ihallas penali ta' hames mitt euro (€500).

Nhar l-1 ta' Mejju, 2019 ghall-habta tal-10.00a.m kellem lil Clayton dwar dan ir-rapport u dan qallu wara li tkellem mal-Avukat tieghu li l-jum ta' qabel u cioe fit-20 ta' April, 2019 Mandy kellha l-aaccess ta' binthom gewwa centru ta' l-Appogg fejn wara, waqt li kien niezel lura d-dar wara l-imsemmi access, l-imsemmija Mandy bdiet trossu bil-vettura taghha fejn bdiet ukoll taqbzu sabiex tigi quddiemu. Clatyon kompla jghid li fit-Triq pprova izomm lura sabiex Mandy tilhaq issuq izda din baqghet quddiemu izzomm il-brejkijiet sa Ghajn Dwieli cioe sa triq it-Tlett Ibliet Bormla.

Spjega ukoll li hekk kif waslu Ghajn Dwieli hu waqaf hdejn il-vettura u wissija li hadd ma kellu jmur fejn ir-rsidenza tieghu. Dan beda jirreferi ghaliha kif ukoll ghal missierha u ghal 'partner' taghha. Wara saqet 'l hemm minn mieghu u qaltlu "*lilek irrid noqtlok*".

Clayton stqarr ukoll li imbaghad din harget rasha mit-tieqa tal-vettura hekk x'hin qabzu l-mina, fejn hu saq direzzjoni lejn San Gwann t' Ghuxa Bormla u Mandy waqfet u ghajritu bi kliem insulenti fosthom 'Pufta'.

Mistoqsi dwar id-diskors ta' theddid, dan stqarr li ma kienx minu li hu qal dan il-kliem ta' theddid fil-konfront tal 'partner' ta' Mandy u cioe Alfio. Clayton spjega li gili f'xi waqfiet ra lil missierha wieqaf faccata residenza tieghu, ihares lejn il-gallerija kif ukoll stqarr li gili uoll ra lil Mandy iddur bil-vettura taghha fl-akwata tal-Hawli, pero zied jghid li lil '*partner*' taghha Alfio qatt ma kien rah, izda skond terzi persuni

kienu infurmawh li gili rawh idur fl-akwata. Qal li kemm il-darba kien rahom fl-akwata u qatt ma kellimhom sabiex ma jinqalawx argumenti u sahansitra jaghmel bir-ruh li ma kienx qed jarhom. Clayton gie ordnat izomm il-buon ordni billi jizgura li ma jghamilx kuntatt maghhom, kif ukol li kienu ser jittihdu proceduri fil0konront tieghu fuq dan ir-rapport.

Rat ukoll l-okkorenza esebita maghmula minn PC226 K. Pace kif ukoll is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar is-7 ta' Frar 2019 fil-knfront tal-appellant odjernfejn kien instab hati ta' certu reati u apparti li gie kkundannat ihallas multa ta' mitt euro gie ordnat li jzomm il-paci ma Mandy Degarbiele ghal zmien sena that penali ta' hames mitt euro (€500) fin-nuqqas.

Rat ix-xhieda ta' **Mandy Degabriele** li inghtat nhar it-3 ta' Ottubru, 2019 qudiem l-ewwel Qorti traskritta fl-atti a fol. 14 et seq. Spjegat illi hija inghatat garanzija mill-Qorti nhar is-7 ta' Frar 2019 li l-appellant m ghandux jkellimha.

Spjegat li nhar id-19 ta' Mejju kienjum il Hadd waqt liienet xoghol il Waterfront il Birgu, l-appellant ghadda bil-vettura tal ghamla 'Oajero' ta' siehbu u qallha 'Ahdem ja l…". Spjegat illi hija tahdem bhal awaitress. Dak in nhar tghid li baqa' sejjer uidawwar madwar Sant Angelo. Mistoqsija fejn taf li l-apellant jaf li tahdem hemm tghid li kienhemm okkazzjonni ohra meta mar ifittxha hemm stenniha tispicca mix-xoghl u waqqafha. Kienet ghamlitlu rapport l-ghassa pero qalet lill-pulizija biex ikelmuh u iwissuh biss u mhux biex jiehdu passi fil-konfront tieghu.

In kontro esami mistoqsija jekk dwar l-incident tat-30 ta' April 2019 kienx minnu li kienet qed issuq quddiem l-appellant tghid li mhux minnu. Tghid li suppost l-appellant kien qalilha ghaliex kien telaq qabilha mill-Appogg. Meta gie suggerit li seta qabzitu tghid li '*hu qaghad jistennini*'. Ikkonfermat pero li dakinhar li l-appellant qallha l-kliem "*ghid il Alfio li jekk jera jersaq hawn rasu nifqaghielu*."

Dwar l-incient tad-19 ta' Mejju 2019 ikkonfemrat in kontro esami li huwa minnu li l-appellant qallha l-kliem "ahdem ja l…" u li verament irekordjatu minn gor

restaurant stess u dan sehh meta dar lura minn hdejn Sant Angelo. War ail waqqaf ikellimha ghamel ukoll mossa b'idu.

L-appellant **Clayton Orsini** xehed b'mod volontarju u minn jeddu nhar it-3 ta' Ottubru, 2019. Spjega li nhar it-20 ta' April 2019 kien mar ght-tifla hdejn l-Appogg. Qal li dakinhar kuntrarjament ghal dak li jigri s-soltu harget it-tifla l-ewwel. Jassumi li ommha kienet gja telqet. Huma iltaqghu l Marsa u jghid li kient qisha qed tistenniha biex jibqa' warajha. Stqar li huwa kien qed isuq bil-mod wara Mandy. Mistoqsi kif gharaf li kienet Mandy jghid li gharaf il-vettura taghha u lilha. Qal li kienet qed isuq bil-mod u f'daqqa wahda issuqlu u jerga jsibha tistennih. Kul darba li kienet tarah kienet tieqaflu f'daqqa, billi tibbrejkja l-vettura. Wasu hdejn Ghajn Dwieli u ried jaqbziha u haseb li ma kienitx qed tirrejaliza li kellu il-binthom mieghu. Nizel ikellimha imbaghad jghid li tefghu mal-genb u meta nizel biex imur lejn it-tieqa taghha din saqet ghal go fih.. Qal li appena wasal ghal mat-tieqa tax-xuffier taghha din rasset go fih u saqet bis-sahha. Qal li bdiet toffendih bl-omm u tinsulentah bil-kliem '*pufta u barri*' u saqet 'l hemm.

Dwar l-incident tad-19 ta' Mejju, 2019 jispjega li kien ghall-habta tal-10.30 a.m meta huwa kien ma bintu u kien hemm il-habib tieghu Gavin Buttigeg inizzel il-lanca mill Kalkara u riedu idawruha ghal Birgu ghal fuq il puntun. Huwa kien bil-lanca u bil-karozza u ghalhek mar isuq il-karozza tieghu tal-ghamla Pajero. Qal li m akienx jaf fuq liema puntun kien ser jidhol u ghalhekk verament baqa' iqu ghal gewwa hdejn Sant Angelo. Huwa hu diehel sema lil xi had jghid '*qieghed sew*', dar u sab lil Mandy ma wicu izda baqa' sejjer. Huwa cahad li qalilha cert kliem. Huwa hu hiereg minn hdejn il waterfront ra lil Mandy bil-mobile f'idha f'nos ta' triq, jassumi li kienet qed tigbidlu filmat. Meta ra hekk ghamillha sinjal speci x'qed taghmel. Huwa jghid affarijeit ohra izda b'referenza ghal xi kawzi ohra li kien hemm pendent bejniethom liema xhied a mhix ser tigi raportata f'din is-sentenza ghaleix m ghandhiex x'tasaqm.

Ikkunsidrat ulterjoment.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[1]" [12.5.94; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs.Anthony Zammit**[4]" [31.5.1991] u ohrajn .)

Jinghad li l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u ghalhekk fir-rigward tal0kliem li intqalu din il-Qori ma hiex ser tikkumenta huwa biss fuq il-fatt jekk kienx hem minkontru bejn il-partijeit u aktar min nhekk jek klappellant tkelimx mal-kwerelanti minkejja I ghandu l-ordni mill-Qorti sabeix izomm il paci pubblika u izomm il boghod minnha.

---

[1] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994

[2] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989

[3] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[4] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

Kien apuntu ghalhekk li din il-Qorti fliet ix-xhieda kollha prodotta fl-atti u dan sabiex tkun f'posizjoni li taghmel gudizzju san biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx tasal ghal gudizzju taghha b'mod 'safe and satisfoatory'.

Illi f'din il-kawa hemm zewg versjonijiet tal-fatti fir-rigward tad dettalji pero fir-rigward li kien hemm inkontru l-partijeit jaqblu t-tnejn. Ghalhekk huwa id-dettal tax-xhieda tagahhom li din il-Qorti trid tanalizza.

L-parte civile Mandy Degabriele kient il persuna li marret tghmel ir rapport l-ghassa u tiraporta lill-appellant li kien kiser il granzija moghtija mill Qorti ghaliex qabad u kkomunika maghha minkejja li kien projbit li jghamel dan. Tghid li dan sehh f'zewg okkazjonijiet wahda minnhom hdejn Ghajn Dwieli wara li hija kellha l-access li tara lil bintha meta l-appellant saq warajha u f'xi hin waqaf nizel mill-vettura tieghu mar jipprova ikellimha mat tieqa tax-xuffier u hija saqet 'l hemm. L-appellant jghid li dan ghamlu ghaliex hijab diet tipprovokah bili isuq u tieqaf hesrem qudiemu u ghalhekk nizel beix jara x''kient ir raguni.

Dwar it tieni incident l-parte civile tghid li hija keinet fuq xoghol gewwa l Watrefront u l-appellant qabad u ghadda minn quddiemha bil vettura ta' sihbu tal ghamla Pajero u qallha xi kliem bhala 'Ahdem jal…".Tghid ukoll li baqa' isuq u li meta dar u kien ser jerga johrog minn quddiem ir-restaurant fejn tahdem hi gibdet il-mobile taghha biex tirrekordja l-inkontru. L-appellant jghid li huwa minnu li ghadda minn quddiem ir-restaurant fejn kien hemm l-kwerelanti minkejja li jghid li ma kienx jaf li tahdem hemm. Jghid li kienet hi li kelmitu l-ewwel meta qaltlu il-kliem '*qieghed sew'* u kien ghalhekk li induna biha. Jghid ukol li pero ra f' nofs t-triq bil-mobile taghha f'idha u ghalhekk haseb li setghet kienet qed tirrekordjah.

Qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jinzamm fil-mira l-fatt illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat kif donnha hanqet id-difiza li d-dubbju ghandu imur favor l-appellant. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji

enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[5], il-Qorti qalet hekk:

"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[6] il-Qorti qalet:-

'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino**[7]."[8]

Ili l-ewwel Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni tal-prosekuzzjoni, u f'din l-istampa ma jidhirx li hemm xi inkonsistenza li ma gietx esplorata mill-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha a bazi tax-xhieda mismugha quddiemha tal komportament taghhom u tal attendibilita u kosnistenza taghhom. Mhemmx dubbju li hafna minn dak li qalet il-kwerealnti ige konfermat mill-appellant huw abiss dwar jekk kienx hu li kkomunika maghha li cahad u reid donnu jghid li kient hi li avvicinatu. |Minkejja dan pero l-appellant ben konxju li ghandu garanzija mahruga

[5] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Frar. 2012

[6] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Lulju 2003

[7] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Ottubru 2006

[8] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013

mill-Qorti sabeix ma jkellimx jew javvicina lill-kweralnti ma hassx il-hteiga li jmur hu biex jirraporta dawn l-inkontri.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti temmen li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kien wiehed korrett. U konsegwentement qeda tikkofnerma l-ewwwel sentenza fejn ma sabitx lill-appellant hati ta' l-ewwel akkuza u illiberatu minnha u hati tat-tieni akkuza u cioe li kiser l-ordni tal-Qorti kif imposta bl-artikolu 383(1) tal kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordnalu ihallas is-somma ta' hames mitt euro (€500) bhala penali imsemmija fis-sentenza tal-Qorti tas-7 ta' Frar 2019 fl-ismijeit premessi.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal Qorti Kriminali bil-ghan li din l-istess sentenza tigi inforzata billi l-penali tigi migbura minnha

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur